Kummissjoni Elettorali – Partit Nazzjonalista

Dar Ċentrali, Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà PTA1450
email: kummissjonielettorali@pn.org.mt.

24 ta' Ġunju 2026

Ħin: 08:30pm

Elezzjoni għall-ħatra ta' Kap tal-Partit Nazzjonalista

Avviż għall-fini ta' Artiklu 90 a) tal-Istatut tal-Partit Nazzjonalista dwar
dikjarazzjoni ta' interess

Il-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista fis-sessjoni tal-lum nieda l-elezzjoni għall-ħatra ta' Kap tal-Partit Nazzjonalista.

Għalhekk il-Kummissjoni Elettorali qed titlob dikjarazzjoni ta' interess minn membri tal-Partit Nazzjonalista interessati li jikkontestaw il-kariga ta' Kap, liema dikjarazzjoni għandha tasal għand iċ-Chairperson tal-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem, cioè sal-Erbgħa 1 ta' Lulju 2026 fis-6pm.

Id-dikjarazzjoni ta' interess għandha ssir fuq il-formola preskritta. Ma jiġux aċċettati dikjarazzjonijiet jekk mhux fuq din il-formola.

Din il-formola tista' tintalab lill-Kummissjoni Elettorali permezz tal-posta elettronika (kummissjonielettorali@pn.org.mt).

Il-formola għandha tiġi sottomessa bl-idejn lill-Kummissjoni Elettorali skont kif imniżżel fl-istess formola.

Tingħata riċevuta lil kull membru li jissottometti l-formola tad-dikjarazzjoni ta' interess.

Mario Callus

Chairperson tal-Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data tal-PN